VOICE OF THE WORKERS

# Proposti Għall-Budget 2022



www.uhm.mt

# Werrej


Innaddfu r-Reputazzjoni Ta' Malta....................................................2

Tkabbir Ekonomiku....................................................................6

Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali.............................................8

Familja..............................................................................10

L-Għoli tal-Ħajja.....................................................................12

Ftehim li Swewlna Biss Miljuni fis-Sena.............................................14

Ġlieda Kontra l-Prekarjat............................................................16

Community Workers Scheme.......................................................20

Iktar Protezzjoni u Tisħiħ tal-Kundizzjonijiet.......................................22

Ħaddiema tal-Gvern..................................................................24

L-Istess Drittijiet.....................................................................26

Taxxa................................................................................28

Settur tal-Bini.......................................................................30

Trasport.............................................................................32

Edukazzjoni.........................................................................34

Pensjonijiet..........................................................................36

Persuni b'Diżabilità u Saħħa Mentali..............................................38

Ambjent.............................................................................40

Għawdex............................................................................42

Sport u Ħajja b'Saħħitha.............................................................44



*Fl-aħħar snin ġraw ħafna affarijiet li ħammġu r-reputazzjoni ta' Malta. Għalhekk nindirizzaw l-aspetti kollha tal-governanza li hi msejsa fuq il-ġudikatura, l-eżekuttiv u l-leġislattiv.*

# INNADDFU R-REPUTAZZJONI TA' MALTA

Fl-isfond tad-deċiżjoni li Malta titpoġġa fil-lista l-griża mill-FATF u l-ħsara li saret lir-reputazzjoni tal-pajjiż, hemm bżonn ta' miżuri speċjali biex jintbagħat sinjal li l-affarijiet qed isiru bis-serjetà. Din il-ħidma trid li jkunu allokati fondi għall-miżuri li ġejjin:

## *Il-Ġudikatura*

- Jitwaqqfu istituzzjonijiet speċjalizzati biex jingħata taħriġ lill-membri tal-ġudikatura qabel u matul il-karriera tagħhom, kif isir fi kwalunkwe professjoni oħra biex ikun hemm aġġornament kontinwu mal-iżviluppi li jkunu qed iseħħu f'dan is-settur.

- Sistema ta' kriterji oġġettivi tal-għażla tal-membri tal-ġudikatura u twaqqif ta' bord indipendenti u trasparenti li jagħmel l-analiżi fuq il-prestazzjoni tal-individwi kemm mil-lat akkademiku kif ukoll mil-lat ta' professjoni.

- Kriterji stretti biex ikun assigurat li min ikun fil-ġudikatura kemm jista' jkun ma jikkompromettix il-pożizzjoni b'ċertu stil ta' ħajja.



## *Qasam diplomatiku*

- Twaqqif ta' akkademja speċjalizzata fil-qasam diplomatiku biex ikun assigurat li kull min ikopri xi rwol f'dan il-qasam minn konslu sa ambaxxatur ikollu t-taħriġ meħtieġ.

- Ħidma biex permezz tal-Ministeru tal-Affarijiet Barranin u r-rappreżentanzi diplomatiċi f'pajjiżi barranin tissewwa r-reputazzjoni permezz sforz koordinat tal-politika barranija ta' Malta.

- Tispiċċa s-sistema li l-ambaxxaturi jinħatru esklussivament għax ikunu qrib il-partit fil-Gvern. Hemm bżonn li min ikopri rwol bħal dan jifhem li din hi missjoni delikata li titlob ċertu ħiliet.

## *Saltna tad-Dritt*

- Miżuri biex tkun attakkata l-ekonomija s-sewda u l-evażjoni tat-taxxa fil-livelli kollha minn dawk manwali sal-professjonisti.

- Tkun espolarata bis-serjetà l-possibbiltà jekk għandux ikun hemm membri parlamentari full-time jew le. Il-politiċi għandhom jingħataw ħlas xieraq imma mbagħad ikun hemm skrutinju bis-serjetà mill-elettorat.

- *Revolving Door Policy* għandha tkun applikata għal kulħadd fil-livelli kollha mill-iżgħar uffiċjal pubbliku sal-ogħla karigi fosthom fil-Kabinett u l-kapijiet ta' entitajiet pubbliċi. B'hekk verament ikun assigurat li ma jkunx hemm konflitti ta' interess.

## *Investiment*

- Issir evalwazzjoni ta’ kif il-*greylisting* jista’ jimpatta l-investiment f’pajjiżna. Mill-informazzjoni li għandha l-UĦM jidher li dan l-impatt beda jinħass. Li ma nafux, hu kemm se jkun kbir dan l-impatt u x’miżuri qed jittieħdu biex intaffu dawn l-effetti negattivi.

- L-istess għandu jsir jekk Malta tkun kostretta tbiddel ir-reġim eżistenti tat-taxxa għall-kumpaniji. Kull evalwazzjoni għandha tiġi diskussa fl-MCESD biex l-imsieħba soċjali jkunu jaf eżatt l-impatt ta’ din il-bidla u x’miżuri jistgħu jittieħdu biex nindirizzaw din l-isfida.





*Fl-ekonomija wkoll hemm bżonn ippjanar b'viżjoni u fil-każ tal-investiment privat il-Gvern irid ikun l-ixprun biex dan is-settur ikompli jikber.*

# TKABBIR EKONOMIKU

Il-UĦM *Voice of the Workers* tinnota lit-tkabbir ekonomiku din is-sena jista' jilħaq kważi 6% wara t-tnaqqis reġistrat fl-2020 minħabba l-pandemija. Il-UĦM mhix daqstant ottimista minħabba l-isfidi li għadu jiffaċċja s-settur tat-turiżmu. Jidher ċar li mhux se jkun possibbli nilħqu livelli *pre*-COVID-19.

- Hu neċessarju li l-ekonomija tkompli tiddiversifika jew insaħħu setturi aktar reżiljenti bħal dak tal-manifattura. Dan hu konsistenti mal-għan li l-ekonomija tikber b'mod sostenibbli fejn il-produttività u t-titjib fil-kundizzjonijiet tax-xogħol ikomplu jissaħħu.

- Pajjiżna għandu jibqa' attraenti għall-investiment minn barra u għalhekk il-produttività. Titjib fil-kundizzjonijiet tax-xogħol huma neċessarji biex ngħollu l-valur miżjud.

- Il-UĦM, *Voice of the Workers* tinnota wkoll li t-tkabbir ekonomiku hu dovut għal żieda fil-konsum u l-investiment. Żieda fil-konsum hi mistennija wara xhur sħaħ fejn il-konsumaturi għadhom lura milli jonfqu u żieda fil-konsum tista' twassal għal pressjoni fuq prezzijiet fejn hemm problema ta' provvista fis-swieq internazzjonali. F'dak li għandu x'jaqsam fuq investiment, għalkemm qed naraw investiment privat, hu evidenti li s-sehem tal-Gvern fl-investiment qed ikun kbir u dan jista' jkollu effett fuq is-sostenibbiltà finanzjarja tal-Gvern. Hu neċessarju wkoll li l-investiment pubbliku jikkumplimenta l-inizjattivi li ġejjin mill-Fond tal-Irkupru u Reżiljenza.






*Paga baxxa jfisser li jkollok tagħmel xogħol part-time jekk mhux tnejn u b'hekk ma tantx tista' tilħaq livell ta' għajxien tajjeb.*

# PILASTRU EWROPEW TAD-DRITTIJIET SOĊJALI

Filwaqt li tirrikonoxxi li l-politika soċjali tibqa' quddiem fuq l-aġenda, il-UĦM *Voice of the Workers* tinsisti li l-elementi kollha fil-Pilastru Ewropew jibdew jitħaddmu fosthom assigurazzjoni fuq kundizzjonijiet xierqa għal kulħadd fuq il-postijiet tax-xogħol, il-parteċipazzjoni sħiħa tat-*trade unions* fid-djalogu soċjali, u l-integrazzjoni sħiħa ta' ħaddiema barranin fil-ħajja soċjali ta' pajjiżna.

- Il-UĦM *Voice of the Workers* tfakkar fir-reviżjoni tal-paga minima kif kien miftiehem ftit ta' snin ilu u tħeġġeġ lill-Gvern jinnota l-pożizzjoni li ħadu l-maġġoranza ta' *trade unions* Ewropej fir-rigward tal-proposta tal-Kummissjoni Ewropeja fuq il-paga minima.

- Id-dritt għal paga minima adegwata hu wieħed mill-prinċipji tal-PEDS u minkejja li fl-UE hemm 21 pajjiż li għandhom paga minima inkluż f'Malta dan ma jfissirx li l-paga minima hi adegwata jew li toffri dħul diċenti għal minn jirċiviha. Il-UĦM *Voice of the Workers* taqbel mal-proposta tal-Kummissjoni Ewropea l-għaliex din il-proposta tħalli lill-pajjiż membru jiddetermina l-istandard minimu għall-paga minima u fl-istess waqt tippromwovi l-ftehim kollettiv bħala għodda kruċjali sabiex aktar ħaddiema jissieħbu f'unions u b'hekk jiżdied ukoll in-numru ta' ħaddiema li jgawdu minn ftehim kollettiv. Din il-viżjoni Ewropea tapplika wkoll għal pajjiżna u hu f'dan l-isfond li nħeġġu lill-Gvern li jħaddem il-prinċipji kollha tal-PEDS.





*Meta ma jkunx hemm bilanċ tajjeb bejn ix-xogħol u l-familja jbatu l-membri kollha tal-istess familja kif ukoll ir-relazzjoni ta' bejniethom għax ikollhom inqas ħin flimkien.*

# FAMILJA

- Tidħol fis-seħħ id-direttiva 2010/18/EU biex ikun hemm bilanċ bejn ix-xogħol u l-familja biex b'hekk jiżdiedu bosta benefiċċji fosthom il-*carers leave, paternity leave* u *parental leave*.

- Il-*leave* tal-maternità għandu jiżdied għal 26 ġimgħa b'erba' ġimgħat minnhom jeħodhom missier it-tarbija. Din il-miżura mhux biss tgħin sabiex tiżdied ir-rata tal-fertilità iżda wkoll tippromwovi l-ugwaljanza fir-responsabbiltajiet tal-familja.

- Il-leave ta' emerġenza jiżdied minn 16-il siegħa għal 32 siegħa.

- Tiżdied ġurnata leave minn 192 għal 200 siegħa apparti dawk li jingħataw bħala kumpens għall-festi li jaqgħu fi tmiem il-ġimgħa.

- Impjegat li jkun sospiż jibqa' jingħata l-*full take-home pay* sakemm ma jkunx hemm deċiżjoni finali ta' ħtija.

- Tiġi dedikata ġurnata f'kull post tax-xogħol fejn matulha jkun hemm *wellbeing sessions/workshops* għall-ħaddiema. Dan sabiex ikun hemm iktar għarfien dwar is-saħħa mentali.

- Isir proġett pilota biex impjegati jaħdmu ġimgħa ta' erbat ijiem.

- Il-Klabb 3-16 u l-*Breakfast Club* għandhom ikunu offruti lill-istudenti kollha anke jekk il-ġenituri ma jaħdmux. Sal-lum, Klabb 3-16 jibda meta tintemm l-iskola tal-Gvern fis-2.30pm u dan meta hemm diversi skejjel tal-Knisja u tal-privat jispiċċaw qabel. Għalhekk hemm problema għall-ġenituri fejn se jħallu lil uliedhom bejn il-ħin li tispiċċa l-iskola u meta jibda Klabb 3-16.

- Sabiex jinħoloq aktar bilanċ fid-dinja tax-xogħol bejn is-sessi jkun opportun li ż-żmien ta' servizz jibqa' jgħodd b'mod sħiħ f'każ li mpjegat jieħu miżuri bħal *parental leave, reduced hours* jew kull tip ta' *family-friendly measures* oħra.






***Fost l-aktar affarijiet li għolew fl-aħħar sena kien hemm il-prezzijiet tal-ikel u dan l-aktar li jolqot hu l-familji bi dħul baxx.***

# L-GĦOLI TAL-ĦAJJA

Il-UĦM *Voice of the Workers* tistaqsi jekk wasalx iż-żmien li nużaw il-kejl li jintuża fiż-żona Ewro u mhux aktar ir-*Retail Price Index* speċjalment meta l-*patterns* ta' konsum qed jinbidlu daqshekk malajr. Fil-fatt wasalna għal reviżjoni mill-ġdid tal-*Household Budgetary Survey* u l-UĦM tipproponi li nibdew nużaw il-*Harmonised Index for Consumer Prices* bħala l-*benchmark* għall-COLA.






***Iċ-ċittadini Maltin se jkunu ħarġu aktar minn €1 biljun fuq dawn il-kuntratti li probabbilment se jkollhom jiġu riveduti minħabba li mhux qed ikun hemm l-ebda benefiċċju minnhom.***

# FTEHIM LI SWEWLNA BISS MILJUNI FIS-SENA

Il-Gvern għandu jieħu lura l-assi l-kbar li ġew privatizzati mill-2013 'il quddiem u jħassar il-ftehim li saru fosthom dwar l-Electrogas u l-*power station*, l-isptarijiet San Luqa, Karin Grech u dak Ġenerali ta' Għawdex, l-estensjoni ta' San Vinċenz De Paul u l-ftehim tal-*windfarm* fil-Montenegro. Mhux talli l-poplu Malti ma bbenefikax minn dawn il-ftehim talli qed ikollu jħallas miljuni fuq miljuni. Barra minn hekk, il-UĦM esperjenzat mill-qrib l-impatt negattiv u l-problemi li dawn il-ftehim kellhom fuq il-ħaddiema fosthom dawk ta' Vitals u Steward.






*Il-ġlieda kontra l-prekarjat qatt ma ġiet mirbuħa minħabba li l-Gvern qatt ma ried jiġġielidha minkejja li l-UĦM ilha toffrilu din is-soluzzjoni.*

# ĠLIEDA KONTRA L-PREKARJAT

## *Portal tal-Kuntratti*

Biex tkun tista' tassew tindirizza l-impjiegi illegali u dawk b'kundizzjonijiet prekarji hemm bżonn li l-kuntratti tax-xogħol jiġu rreġistrati permezz ta' reġistru nazzjonali li jkun aċċessibbli minn *portal* apposta. Kuntratti bħal dawn għandhom ikunu aċċessibbli biss għal min iħaddem, l-impjegat u d-Dipartiment tal-Impjiegi u r-Relazzjonijiet Industrijali (DIER).

Kull kuntratt ġdid jitfassal permezz ta' dan il-*portal* biex b'hekk tiġi evitata kwalunkwe klawsola illegali, ħlas taħt il-minimu u forom oħra ta' xogħol li ma jaqgħu taħt l-ebda parametru legali. B'hekk ikun assigurat li l-klawżoli bażiċi, fosthom salarju, *leave* u dawk ta' terminazzjoni jkunu konformi mal-liġi. Madankollu, min iħaddem xorta jkun jista' jżid klawsoli oħra sakemm dawn ikunu skont il-liġi.

Barra minn hekk, il-UĦM *Voice of the Workers* qed tipproponi:

- Kumitat biex jiġbor forom differenti ta' mpjiegi u l-kundizzjonijiet minimi differenti tax-xogħol skont il-*Wage Regulation Orders*. Dan il-kumitat għandu jkollu terminu ta' tliet xhur biex jiġbor din l-informazzjoni.

- Is-sistema għandha tiġi introdotta minn Jannar 2023 u l-kuntratti l-ġodda kollha ta' xogħol ikunu jistgħu jsiru biss fuq din is-sistema. Għandu jkun illegali li timpjega lil xi ħadd wara l-1 ta' Jannar 2023 mingħajr il-kuntratt tax-xogħol reġistrat fis-sistema. Ir-responsabbiltà li ssir din ir-reġistrazzjoni għandha tkun ta' min iħaddem.

- Kuntratti ta' xogħol li saru qabel l-2023 għandhom jiddaħħlu fis-sistema wkoll. Il-Gvern għandu jisponsorja proġett li bih min iħaddem jista' jew juża l-impjegati tiegħu stess biex idaħħal il-kuntratti preċedenti fis-sistema u l-Gvern jiffinanzja s-sigħat tagħhom; jew impjegati tal-Gvern iżuru l-postijiet tax-xogħol u jdaħħlu l-kuntratti tax-xogħol preċedenti.

- Dan il-proċess għandu jintemm sa tmiem l-2025 u b'hekk Malta jkollha sistema kompletament diġitalizzata sal-1 ta' Jannar 2026.

## ***Sħubija fi Trade Union***

Mod effettiv kif il-kundizzjonijiet tax-xogħol jibqgħu jitjiebu u jkun miġġieled il-prekarjat hu bi sħubija fi *trade union*.

- Il-UĦM *Voice of the Workers* dejjem insistiet li għandu jkun hemm sħubija mandatorja għal min għandu paga taħt il-*median wage*. Fil-każ ta' ħaddiema li qed jibbenefikaw minn ftehim kollettiv imma li mhux membri f'xi *union*, dawn għandhom iħallsu l-ekwivalenti tal-miżata ta' sena sħiħa li jmur ġo fond apposta għat-taħriġ li jitħaddem mill-imsieħba soċjali.

## ***Subcontracting u Outsourcing***

- Ħaddiema li jaħdmu mal-kuntrattur, li huma *subcontracted* mill-Gvern għandhom jingħataw kemm l-istess ħlas kif ukoll ikunu intitolati għal *increments*/żidiet, *progressions, automatic promotions* u *allowances* marbuta ma' tali xogħol skont kif ikun stipulat fil-ftehim kollettiv tal-post tax-xogħol fejn qed iwettqu dmirijiethom.

- *Core-operations* f'entitajiet governattivi jew privati m'għadhomx jiġu *outsourced* għax dan jista' jagħti lok għal abbuż u prekarjat. Is-soluzzjoni għandha tkun li jsir reklutaġġ direttament mill-entità jew permezz ta' aġenzija li r-rwol tagħha jintemm hekk kif il-persuna tkun reklutata. B'hekk ikun assigurat li fil-*core operations* il-ħaddiema kollha jkunu jirrispondu lill-istess persuna.

- Issir reviżjoni tal-*Wage Regulations Orders* biex tispiċċa d-diskriminazzjoni u jiġi rispettat il-prinċipju tal-paga ugwali għal xogħol ugwali.



## *Ħaddiema barranin u platform Workers*

Hu neċessarju li nkomplu nevalwaw żviluppi fis-suq tax-xogħol fosthom il-fatt li l-ekonomija qed tiddependi aktar u aktar fuq ħaddiema barranin. Il-*Union* mhix kontra ħaddiema barranin iżda rridu niżguraw li dawn jingħataw kundizzjonijiet xierqa u kemm jista' jkun nattiraw ħaddiema kwalifikati u b'kompetenzi li huma mitluba minn ekonomija li trid tħaddan id-diġitalizzazzjoni. Irridu nkomplu nsaħħu l-programmi ta' tagħlim u taħriġ u dak jista' jsir biss jekk ikun hemm aktar sinerġija bejn l-istituzzjonijiet edukattivi u l-intrapriżi privati.

- Għandu jkun hemm regolamenti iktar stretti dwar l-aġenziji reklutaġġ fl-isfond ta' każijiet fejn ħaddiema barranin inġiebu Malta bil-wegħda ta' xogħol u jingħatalhom kuntratt, imma mal-wasla tagħhom isibu li dan ix-xogħol ma jibda qatt. Dawn il-persuni jkunu ħallsu eluf ta' ewro biex jiġu Malta iżda mbagħad jispiċċaw abbandunati mingħajr ebda għajnuna. Għalhekk hemm bżonn bidliet fil-liġi f'każ li min iħaddem ma jirrispettax li dak li jkun wiegħed bil-miktub.

- Ikun hemm uffiċċju jew dipartiment li jinforza u jżomm regoli ċari fuq impjegati li jiġu minn pajjiżi barra mill-Unjoni Ewropea ħalli jiġi evitat abbuż fuq dawn l-individwi.

- Għandu jkun assigurat li jingħata ħlas xieraq għall-*platform workers* permezz tal-*portal*, tar-riforma tal-paga minima u permezz ta' tibdil fil-liġi.

- Jiżdiedu l-ispetturi tad-DIER biex jitjieb l-infurzar filwaqt li jiddaħħlu *quality service charters* b'miri ċari ta' meta għandha tingħalaq investigazzjoni u meta jkunu ppubblikati l-konklużjonijiet.






# COMMUNITY WORKERS SCHEME

Fil-forma preżenti tagħha, il-*Community Workers Scheme* qed isservi biex tevita r-regolamenti tal-UE dwar in-numru ta' mpjegati mal-Gvern. Sfortunatament, il-flus allokati mhux sejrin kollha fil-bwiet tal-ħaddiema iżda parti sostanzjali sejra għand l-operatur tal-iskema. Il-UĦM temmen bis-sħiħ li:

- Din l-iskema għandha titħaddem direttament mill-*Jobs Plus* biex il-ħaddiema jirċievu l-ammont kollu.

- Din l-iskema għandha tiffoka fuq kif il-ħaddiema jitgħallmu ħiliet ġodda biex b'hekk ikun iktar faċli li jżidu l-produttività tagħhom fil-post tax-xogħol.






# IKTAR PROTEZZJONI U TISĦIĦ TAL-KUNDIZZJONIJIET

- Issir sistema ta' *job evaluation* għall-ħaddiema tas-snajja' li mhumiex kwalifikati. Kienet tnediet skema ta' *skill cards* għall-ħaddiema tal-kostruzzjoni u xogħolijiet relatati, iżda din qatt ma tħaddmet sew. Din l-iskema għandha tiġi organizzata aħjar fis-setturi kollha u anke fil-privat biex impjegati tajbin fis-snajja', (imma mingħajr kwalifiki) xorta jkollhom iċ-ċans biex jiġu rikonoxxuti u javvanzaw.

- *Sick leave* li ma jkunx qed jiġi utilizzat jista' jintuża f'każ ta' mard serju. Dan ifisser li wieħed jibqa' jirċievi kumpens mis-Sigurtà Soċjali. Is-*sick leave* wkoll jista' jiġi użat meta l-ulied ikunu morda u meta ż-żewġ ġenituri jaħdmu.

- Il-Ħdud jitħallsu b'rata doppja.

- L-*injury leave* jiġi estiż għal perjodu massimu ta' sentejn. Il-benefiċċji għandhom jinkludu kemm il-paga u l-benefiċċji l-oħra kollha relatati mal-impjieg u jinħadmu fuq is-sena ta' qabel. Dan minbarra ħlas relatat mal-kura u mediċini. Tali ħlasijiet għandhom jingħataw minn fond maħluq apposta u amministrat mill-Gvern b'rappreżentazzjoni mill-imsieħba soċjali.

## ***Bonus Speċjali***

- Il-UĦM *Voice of the Workers* tipproponi bonus li jingħata darba lill-*front liners* fis-settur tas-saħħa li ħadmu taħt stress kontinwu fl-aħħar sena nofs u li l-ħidma tagħhom kienet strumentali fil-kura kontra l-COVID-19.





*Min jaħdem bit-telework għandu jiġi provdut bil-faċilitajiet li jiggarantixxu s-saħħa u s-sigurtà daqs li kieku kien l-uffiċċju.*

# ĦADDIEMA TAL-GVERN

- Il-*vacation leave* kollu jista' jittieħed bis-sigħat, l-inqas minimu ta' siegħa. B'hekk jinħoloq bilanċ aħjar bejn il-ħajja privata u x-xogħol.

- Għandu jkun hemm mekkaniżmu fejn persuna li tkun b'kuntratt definit, li għandu *objective reason*, ikun jista' jikkontesta tali objective reason quddiem Bord indipendenti. Dan sabiex jingħata l-istess kundizzjonijiet li għandu fil-kuntratt b'mod indefinit.

- Il-miżuri kollha favur il-familja li huma marbutin b'kuntratt jibqgħu jiġu onorati f'każ li persuna tiċċaqlaq minn post għall-ieħor anke f'każ ta' promozzjoni.

- L-*allowances* kollha relatati mal-impjieg jibqgħu jitħallsu waqt is-*sick leave* on *full pay* kollu u mhux jinqatgħu wara 15-il ġurnata *sick* meta l-ħaddiema għandhom 30 ġurnata *sick on full pay.*

- Ħaddiema fis-settur pubbliku li jaħdmu *part-time* mal-Gvern għandhom jinħataw l-għażla li jħallsu 10% *final withholding tax*.

## *Telework*

- Il-Gvern huwa mħeġġeġ biex jiddiskuti mal-imsieħba soċjali, skemi ta' *telework* fuq bażi permanenti. Dawn l-iskemi għandhom jikkunsidraw ċirkostanzi individwali bħal: il-bżonn ta' *childcare* u faċilitajiet teknoloġiċi.

- Postijiet ta' xogħol, fejn ix-xogħol jippermetti għandhom jagħtu *remote working/ hybrid* għall-tlett ijiem fil-ġimgħa.

- Il-Gvern għandu jalloka fondi biex tingħata għajnuna għal min irid idaħħal sistemi ta' *telework*.

- Ma jsir ebda tnaqqis ta' *allowances* meta l-ħaddiema jkunu qed jaħdmu bit-*telework*.

- Għandu jkun assigurat li l-post minn fejn qed isir ix-xogħol bit-*telework*, inkluż id-dar, ikun konformi mar-regolamenti dwar is-saħħa u s-sigurtà u li tali spejjeż ikunu koperti minn min iħaddem.



# L-ISTESS DRITTIJIET

Il-liġi tax-xogħol għandha tiġi aġġornata (inkluż il-leġiżlazzjoni sussidjarja u *Wage Regulation Orders*) biex il-ħaddiema kollha jkunu intitolati għal-*leave* f'każ ta' wild irrispettivament jekk il-koppja hix koppja tal-istess sess jew jekk il-ġenituri humiex miżżewġin. Fid-dawl ta' dan qed jiġi propost:

- F'dawk il-każijiet fejn il-ġenitur l-ieħor li mhux qed iwelled hu uffiċjalment rikonoxxut bħala t-tieni ġenitur, dan tal-aħħar għandu jibbenefika mil-*leave* tat-twelid.
- L-eliġibbiltà għal *leave* speċjali bħal dak taż-żwieġ, twelid, tal-mard u f'każ ta' mewt għandha tkun l-istess għall-impjegati fis-setturi kollha mingħajr diskriminazzjoni tal-ebda tip.
- Il-minimu ta' *sick leave* jiżdied minn 10 ijiem għal 15-il ġurnata





*Il-UĦM temmen li l-Gvern għandu jinċentiva l-bżulija tal-ħaddiema u mhux jikkastiga lil min jaħdem iktar.*

# TAXXA

- Il-UĦM temmen li l-Gvern għandu jinċentiva l-bżulija tal-ħaddiema u mhux jikkastiga lil min jaħdem iktar.
- Titnaqqas it-taxxa tal-*part-timers* għal 10 fil-mija għal dawk il-persuni li diġà jaħdmu *full-time*.
- Is-sahra tkun intaxxata b'10 fil-mija.
- Il-kontribuzzjoni tas-sigurtà soċjali mħallsa mill-ħaddiema titnaqqas mid-dħul taxxabbli annwali tal-ħaddiem/a jew ma tkunx taxxabbli.





*Fis-settur tal-bini hemm bżonn ta' iktar enfasi fuq ippjanar urban tajjeb biex fl-ibliet u l-irħula jkollna ambjent xieraq.*

# SETTUR TAL-BINI

Kull ekonomija tiddependi mis-settur tal-bini però jidher li f'pajjiżna dan is-settur qed ikun determinanti wisq. Il-problema li qed naraw hi li dan qed iwassal għal *displacement* minn setturi ekonomiċi oħra li ma jrendux daqs dan is-settur. Għalhekk il-UĦM *Voice of the Workers* tipproponi:

- Analiżi tad-domanda preżenti u futura kif ukoll analiżi tal-provvista ta' akkomodazzjoni kemm privata kif ukoll pubblika biex naraw kif inhi s-sitwazzjoni attwali u l-iżviluppi li jistgħu jseħħu fil-futur. Li hu ċert hu li l-prezzijiet tal-propjetà f'numru ta' rħula baqgħu jogħlew għalkemm dan jiddependi wkoll mit-tip ta' propjetà. It-tnaqqis fit-taxxa tal-boll kellu effett biex tiżdied l-attività f'dan is-settur iżda dan jista' jkun l-aktar ta' vantaġġ għal min qed ibiegħ u mhux minn qed jixtri.

- Kull bini ġdid irid ikun ambjentalment sostenibbli, u f'dan ir-rigward tinsisti li titfassal politika li mhux biss tiżgura li dan iseħħ iżda li dan ma jpattix għalih minn jixtri, wara snin twal li matulhom min jibni ma ħax ħsieb dan l-aspett.

- *First-time buyers* ma jħallsux għall-installazzjoni tal-*meters* ġodda tad-dawl u l-ilma.

- Jiġi estiż il-limitu massimu fl-iskema tal-*first-time buyers* għal €250,000.

- Propjetajiet li jkunu battala għal aktar minn ħames snin ikunu eżentati mit-taxxa. Ix-xerrejja ta' dawn it-tip ta' propjetajiet ma jħallsux taxxa. Tali miżura għandu jkollha data ta' skadenza sabiex l-abbuż ikun evitat. Il-miżura trid tkun marbuta b'mod li ma jsirx żvilupp ieħor.

- Irid isir aktar tisħiħ fl-Awtorità dwar is-Saħħa u s-Sigurtà fil-Post tax-Xogħol, l-Awtorità tal-Bini u l-Kostruzzjoni u fl-infurzar tar-regolamenti. Irid ikun żgurat li l-iżviluppaturi ma jibdewx ix-xogħol qabel ma joħroġ il-permess.

- Dħul minn multi għall-ksur tar-regolamenti tal-kostruzzjoni għandu jmur f'fond li jservi biex ikunu kumpensati dawk li jġarrbu ħsarat jew twaqqigħ fil-propjetà tagħhom minħabba traskuraġni ta' dawk responsabbli mill-iżvilupp.




*Idea riċiklata mis-snin 70 u 80.*

# TRASPORT

- Il-COVID-19 naqqas il-livelli ta' emissjonijiet kawżati mit-trasport. Għalhekk, għandu jkun hemm aktar miżuri biex jitnaqqas l-użu tat-trasport privat fosthom: hubs li kienu ġew proposti minn din il-union għal *budgets* preċedenti.

- Ikun provdut trasport alternattiv (mhux il-karozzi) li jilħaq lil kull resident (mhux għat-turisti).

- Jingħataw aktar inċentivi fuq ix-xiri ta' *pedelecs*.

- Wara diversi miżuri li nħarġu biex jingħata trasport pubbliku b'xejn lil ċertu setturi tal-popolazzjoni, ikun opportun li t-trasport pubbliku b'xejn jingħata lill-ħaddiema sabiex imorru u jiġu mill-post tax-xogħol tagħhom. Dan iwassal sabiex jonqsu l-vetturi privati mit-toroq f'*peak hours* u jiżdied l-aċċess għall-parkeġġ f'żoni fejn hemm ħafna postijiet tax-xogħol. B'hekk ikun hemm aċċess akbar għall-klijenti u r-residenti u jonqos sostanzjalment it-tniġġis.

- Ħaddiema jew *employers* li jorganizzaw trasport għall-ħaddiema għandhom jingħataw rifużjoni tal-ispejjeż marbuta mat-trasport.







*Nagħtu possibbiltà u l-ħajra biex kulħadd jilħaq il-potenzjal tiegħu.*

# EDUKAZZJONI

L-għeluq tal-iskejjel tas-snajja' kien żball li llum qed inbatu l-konsegwenzi tiegħu għax mhux qed jinstabu ħaddiema tas-sengħa li huma tant meħtieġa fl-ekonomija Maltija. Għalhekk il-UĦM *Voice of the Workers* tipproponi:

- Il-ftuħ mill-ġdid tal-iskejjel tas-snajja' biex l-istudenti jkunu jistgħu jitgħallmu ħiliet ferm meħtieġa f'oqsma differenti tal-ekonomija, u wara jispeċjalizzaw fuq qasam partikolari biex isiru ħaddiema tas-sengħa kwalifikati. L-iskola tas-snajja' għandha tipprovdi wkoll tagħlim f'teknoloġiji li jitolbu biss ħiliet bażiċi biex titjieb il-produttività ta' mpjegati f'livell ogħla li bħalissa qed ikollhom jagħmlu dan ix-xogħol huma.
- Isiru diskussjonijiet mal-imsieħba soċjali biex jitfasslu korsijiet tas-snajja' li huma meħtieġa.
- Il-Gvern irid jagħmel ħafna iżjed f'termini ta' nfiq pubbliku dwar ir-riċerka u l-iżvilupp kif ukoll jinvesti iżjed fl-edukazzjoni taż-żgħażagħ. In-numru ta' studenti li qed jieqfu mill-istudji tagħhom fl-MCAST huwa ta' tħassib speċjalment jekk l-irkupru ekonomiku jieħu iżjed fit-tul.
- L-istudenti kollha sal-livell sekondarju jingħataw skema ta' qari *online* b'xejn.
- Il-UĦM tipproponi li jsir *tracer study* tas-setturi kollha biex naraw x'inhuma l-isfidi u l-ħtiġijiet f'dak li għandu x'jaqsam ma' riżorsi umani u x'jista' jsir biex nindirizzaw dawn l-isfidi u nuqqasijiet. F'dan l-istudju trid tingħata attenzjoni fuq iż-żgħażagħ u l-edukazzjoni/taħriġ meħtieġ biex jitħejjew għas-suq tax-xogħol li qed jinbidel. Hu neċessarju wkoll li ż-żgħażagħ Maltin ifittxu opportunitajiet fis-settur privat speċjalment fil-qasam diġitali u servizzi oħra ġodda li jiġu offruti fl-ekonomija.



*Waqt li meta tirtira tieħu l-ħajja b'mod leġġer, mhux l-istess jista' jingħad għall-pensjoni li trid tkun adegwata biex ma ttirx mar-riħ qabel l-aħħar tax-xahar.*

# PENSJONIJIET

- Irid isir studju dwar il-pensjonanti preżenti sabiex jiddetermina kemm għandha tkun il-pensjoni minima. B'hekk inkunu nafu b'mod xjentifiku kemm għandha tkun din il-pensjoni ħalli l-pensjonanti jlaħħqu mal-ħajja.

- Il-*bonus* għall-anzjani jibda jingħata minn 70 sena.

- Ħaddiema li jaqilgħu paga aktar minn dik li fuqha hu maħdum il-*capping* għall-pensjoni għandhom jingħataw l-opportunità li titħallas il-bolla fuq il-kumplament tas-salarju tagħhom u b'hekk igawdu pensjoni ta' 2/3 tad-dħul li jkunu daħlu u f'dan il-każ il-*capping* ma jiġix applikat.

- Jingħata d-dritt lill-impjegati biex jestendu l-impjieg tagħhom sa tmiem is-sena meta jilħqu l-età tal-irtirar. Permezz ta' din l-inizjattiva l-impjegati jkunu ħallsu l-bolla kollha tas-sena u b'hekk il-pensjoni tkun aħjar.

- Ikun estiż il-proġett pilota ta' trasport fil-komunità bħala servizz lill-anzjani biex jagħmlu qadjiet essenzjali fosthom xirjiet u appuntamenti mediċi.

- Kunsilli lokali jimpjegaw nies li jkunu jistgħu jżuru u jgħinu lil dawk l-anzjani li jgħixu waħedhom fil-komunità.

- Anzjani li jkunu 'l fuq minn 70 sena u li għadhom joqogħdu fid-dar tagħhom għandhom jingħataw *voucher* ta' €100 għal kull persuna, li għandu jissarraf għall-kontijiet tad-dawl u l-ilma.

- Filwaqt li titkompla tissaħħaħ it-*third pillar pension* li ddaħħlet fl-aħħar *budgets*, jinħarġu inċentivi lill-*employers* u lill-ħaddiema biex jibdew idaħħlu skema tas-*second pillar pension* għall-impjegati tagħhom.




# PERSUNI B'DIŻABILITÀ U SAĦĦA MENTALI

- Tiżdied il-pensjoni għall-persuni bi bżonnijiet speċjali u għall-persuni li jbatu minn mard mentali gravi. (Huwa diffiċli għal dawn il-persuni vulnerabbli li jżommu mpjieg *full-time*).

- Ikun hawn residenzi għall-persuni bi bżonnijiet speċjali li jservu bħala kenn u jkunu mgħammra b'apparat tas-sigurtà. Tali residenzi jkunu addattati għall-klijenti li ma jkunux indipendenti biżżejjed sabiex jgħixu waħidhom fil-komunità.

- Jinbena sptar ġdid għall-kura tas-saħħa mentali li ilu jiġu mwiegħed għal diversi snin iżda li s'issa għadu biss fuq il-karta.





*Biex verament inħarsu l-ambjent irridu miżuri ħolistiċi kemm id-dar kif ukoll ix-xogħol*

# AMBJENT

- Investiment akbar mill-Gvern fl-ambjent biex dan ikun jista' jitgawda aħjar mill-Maltin.
- Ikun hemm sistema ta' sussidju akbar fuq xiri ta' vetturi li jaħdmu totalment bl-elettriku. Kull persuna li tagħżel li tbiddel vettura antika u minflokha tixtri mutur tal-elettriku jew inkella b'ċilindrata ta' 125cc jew anqas, għandu jingħata voucher ta' €2,500. Dan biex jitnaqqas it-tniġġis fl-ambjent.
- Introduzzjoni tas-separazzjoni tal-iskart għal stabbilimenti kummerċjali.
- Mekkaniżmi serji fil-prinċipju ta' min iħammeġ iħallas.
- Meta jkunu qed isiru xogħlijiet fit-toroq il-kuntratturi għandhom jaħslu t-toroq kuljum biex jitnaqqas l-inkonvenjent lir-residenti. Il-kunsilli lokali għandhom ikunu responsabbli mill-infurzar ta' dan l-obbligu.

## ***Postijiet tax-Xogħol Carbon Neutral***

Inċentivi għal postijiet tax-xogħol li jkunu *carbon neutral* li jfisser li emissjonijiet ikunu daqs jekk mhux inqas mis-sorsi ta' enerġija alternattiva. Dan huwa konformi mal-Liġi Ewropea dwar il-Klima li permezz tagħha l-pajjiż irid ikun *carbon neutral* sal-2050. Għalhekk, il-Gvern għandu jgħin lis-settur privat biex jilħaq din il-mira b'sensiela ta' inċentivi bħal:

- *Green roofs*
- Bidla għal sorsi ta' enerġija alternattiva flimkien ma' batteriji biex tinħażen l-enerġija nadifa u tonqos id-dipendenza fuq sorsi li jikkawżaw emissjonijiet.
- Aktar riċiklaġġ
- Ikun eliminat l-użu tal-karti

## ***Inċentivi Favur l-Enerġija Solari***

Filwaqt li fl-aħħar snin il-messaġġ tal-Gvern kien biex il-familji jinvestu fil-pannelli fotovoltajċi fuq djarhom, l-istess Gvern inkoraġġixxa t-tkabbir tal-industrija tal-kostruzzjoni. Dan wassal biex kien hemm min investa fil-pannelli u ma setax iġib l-investiment lura minħabba li tgħattew bil-bini għoli li tela' madwarhom. Il-UĦM għalhekk qed tipproponi:

- Forma ta' kumpens għal każijiet bħal dawn.
- Il-Gvern għandu jesplora wkoll il-possibbiltà li jintroduċi kunċett ta' dritt solari – li jfisser id-dritt li sid ta' propjetà jkollu ammont minimu ta' dawl tax-xemx anki jekk ikun hemm bini ieħor madwaru.



*Xi żvilupp jista' jkun hemm Għawdex jekk iktar u iktar ħaddiema qed jiddaħħlu jaħdmu mal-Gvern?*

# GĦAWDEX

- Għandu jinġieb aktar xogħol *back office* u ta' kwalità f'Għawdex.

- Għandu jsir pjan għall-perjodu ta' wara l-COVID-19 speċifikament għal Għawdex li jikkunsidra xenarji differenti.

- Il-ħaddiema Għawdxin, li jaħdmu Għawdex għandhom ikollhom l-istess salarju tal-ħaddiema Maltin li jagħmlu l-istess xogħol Malta. Il-Gvern għandu jindirizza din il-problema u ma jħallix din id-diskrepanza għaddejja.

- Ħaddiema Għawdxin li jaħdmu Malta li jużaw il-*fast ferry* għandhom iħallsu l-istess prezz li kienu jħallsu meta kienu jużaw ir-rotta tal-linja X300 li twaqqfet ħesrem.






# SPORT U ĦAJJA B'SAĦĦITHA

- Tingħata rifużjoni sa €200 fis-sena għal dawk li jissieħbu f'*gym* jew jixtru apparat marbut mas-saħħa fiżika. B'din l-inizjattiva nkunu nistgħu nħarsu s-saħħa tal-bniedem u niġġieldu l-obeżità.

- Aktar inċentivi fl-użu ta' riżorsi tat-taħriġ għal dawk l-adulti li jipprattikaw xi sport fuq livell semi-professjonali u għajnuna lil min jitħarreġ f'xi dixxiplina sportiva barra minn Malta.





uħm

VOICE OF THE WORKERS

UĦM Voice of the Workers
St.Thomas Street
Floriana, FRN 1123

+356 25905000

info@uhm.mt

